MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 615/2004

**Frigoserv Limited [C-24440]**

**vs**

**Pierre Nani**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, u erba’ mitt lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm3,400.73) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta’ merci lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata erbatax (14) ta’ Ottubru, 2004 u tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju prrezentat kontestwalment ma l-Avviz ghas-smiegh, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba attrici ghal tlett elef u mija u hamsin lira Maltin (Lm3,150) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Semghet lill-konvenut fejn ammetta t-talba attrici kif ridotta.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u cioe fl-ammont ta' tlett elef u mija u hamsin lira Maltin (LM3,150), bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------